MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Avviz Numru. 55/2008

**L-Onor. George Pullicino (ID 263464M)**

**Vs**

**Joe Said**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux ikun ikkundannat li:

1) prevja dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi kliem tal-konvenut imxandra fuq Smash TV fl-14 ta' Jannar 2008 waqt il-programm 'Realta' (Dok A), huma malafamanti u libelluzi fil-konfront tal-attur u ghandhom bhala skop li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;
2) tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tistabbilixxi dina l-Qorti bhala danni, a tenur ta' l-Art. 28 tal-Kap. 248.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Joseph Said (ID No 666049) u li biha eccepixxa bir-rispett:

1. Illi huwa ma xandar l-ebda dikjarazzjoni fuq Smash TV fl-14 ta' Jannar 2008;
2. Illi d-dikjarazzjonijiet waqt ix-xandira imsemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu.
3. Illi d-dikjarazzjonijiet imsemmija mill-attur tikkonsisti f'diskussjoni dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kif ukoll taht il-ligi ta' l-Istampa. Jekk l-attur dehrlu li xxandru inezattezi li jolqtu lilu, huwa kellu r-rimedju tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa.
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, u in kwantu d-dikjarazzjonijiet jikkontjenu kummenti, dawn jikkonsistu f'fair comment maghmul in buona fede dwar fatti sostanzjoalment veri u fuq kwistjoni ta' interess pubbliku, accettabli f'socjeta demokratika kif wkoll taht il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.
5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak <u>verbalizzat</u> a fol 28 ibid mill-istess konvenut.

Semghet it-trattazzjoni kif ukoll rat in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 83 u fol 89 et seq ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 20 et seq ibid) spjega li waqt ix-xandira tal-programm televiziv imsemmi fir-rikors promotur kien intqal kliem mill-konvenut kif ser jinghad:-

'Joe Said: Kollox mhux veru int ….. kontu tghidu ghall-miskin mibki Lorry Sant – George …. x'kunjomu dak? Sant? Ehh Pullcin – skuzani hadt zball … jew Lorry Pullicino, Joe Said: grrr eh George Pullicino … eh kemm minghalija Lorry istra … skuzawni …..'. Hu oggezzjona ghal dawn il-kliem peress li hu, li jkopri kariga pubblika, …

gejt assocjat u marbut ma persuna ohra li kienet fil-politika, liema persuna fil-politika kienet, ukoll involuta f'kazijiet ta' korruzzjoni specjalment f'korruzzjoni involuta fi zvilupp ta' artijiet'. (ara ukoll ix-xhieda ta' Dottor Simon Manicaro a fol 26 ibid u d-'D.V.D. esebit minn dan ix-xhud a fol 27 ibid u li fih hemm kopja integrali tal-istess program li fih intqalu dawn il-kliem mill-konvenut. In kontroesami, l-attur (fol 32 et seq ibid) spjega l-isfond ta' dan il-kaz fis-sens illi, fil-perjodu in kwistjoni il-Parlament kien approva revizjoni parjzali tal-pjan ta' struttura u svilupp approvat fl-1989. Dwar l-istess revizjoni, l-attur spjega b'certu dettall l-'iter' taghha fl-istadji kollha anke permezz ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-pjanijiet lokali li jsemmi u dwar il-kriterji ta' estensjoni ta' dan.

L-attur semma' ukoll li f'certu stadju kienu saru ukoll sottomissjonijiet mill-opposizzjoni. L-attur semma' dan sabiex juri li kollox kien sar b'mod trasparenti u miftuh, ukoll, ghall-konsultazzjoni pubblika u dan '… aktar hafna trasparenti minn dak li kien isir in rigward zoni ta' zvilupp qabel l-1987'. Xorta wahda kienet saret kritika anke fil-konfront tieghu li kien qed jmexxi l-mozzjoni imsemmija bhala s-Segretarju Parlamentari kompetenti. Difatti kien ra, fil-pubbliku kartelluni bil-kliem 'vote George get Lorry' kif ukoll, aktarx f'artikoli u ittra miktubin fuq il-gazzetti minn terzi persuni. Inoltre l-istess kwistjoni tal-hekk imsejjha 'ODZs' kienet qed tigi investigata mill-Kummissjoni Ewropea. Hu semma ukoll illi kien ressaq emendi quddiem il-Parlament sabiex jirrendi l-operat tal-Malta Enviornment and Planning Authority' aktar trasparenti per ezempju permezz tan-nomina tal-Awditur fiz-zmien in kwistjoni, liema kawza ma kienetx tezisti qabel. Inolte mistoqsi dwar il-hrug ta' tlett permessi partikolari u pjuttost kontroversali, l-attur sostna li hu qatt ma indahal fi hrug ta' permessi mill-Awtorita kompetenti msemmija anzi kien hu li dahhal, emenda fil-ligi 'in materia' sabiex permess approvat seta' jigi revokat. Fl-ahharnett hu ammetta li kien ghamel zjara qasira fi Sqallija, bhala vakanza, flimkien mal-familja tac-'chairman' fiz-zmien in kwistjoni tal-istess Awtorita'. Sussegwentement l-attur gie sottomess ghal kontro esami ulterjuri (fol 36 et seq ibid) saret referenza ghal kawza fl-ismijiet indikati fl-istess

xhieda li fiha kienet qed tigi kontestata l-iskema involuta. Inoltre regghu ssemmew certi 'infrigement procedures' mehudin mill-Kummissjoni Ewropea li kienu ghadhom pendenti. Inoltre hu specifika, illi f'dik il-parti tal-programm li hu qed joggezzjona ghaliha u li hi citata hawn fuq, hu indika fejn '… kont iddentifikat b'mod car …' u dan '… ghal(l-)abbinament tieghu ma Lorry Sant' cjoe ' … li jiena uzajt l-istess metodi li ntuzaw mill-mejjet Lorry Sant', liema kliem kienu ntuzaw ukoll minn persuni ohrajn, oltre l-konvenut odjern. Inolte diversi ghaqdiet kienu fil-fatt, ikkundannaw l-iskema dovuta deskritta mill-attur bhala 'tar-razzjonalizzazzjoni, izda ghal din il-kritika kien iwiegeb ghaliha kif hemm permess aktar il-fuq fl-istess xhieda. Fl-ahhar nett hu irrefera ghad-domanda parlamentari u 'twegiba' li saret lill-istess Lorry Sant waqt li dan kien Ministru sabiex ix-xhud jindika li filfatt din id-domanda qatt ma giet imwiegba bil-ghan li hu jindika id-differenza fil-metodi uzati mill-attur u l-persuna li maghha gie abbinat, liema differenza tesisti ukoll fil-post fejn hu jabita u l-post ta abitazzjoni tal-persuna abbinata mieghu.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-konvenut</u> beda billi esebixxa in atti, diversi <u>artikoli</u> (fol 45 sa fol 70 ibid) miktubin minn diversi persuni u li, fihom, giet trattata l-istess materja inkluz '<u>poster</u>' bil-kliem 'vote George get Lorry'. Jigi notat, pero, li f'wiehed minnhom wiehed jista jinnota kritika ghall-awtur ta' dan il-'poster' deskritt bhala '…… an unwarranted and undefensible exaggeration' (ara fol 50) u '… overstepped the limits of decency by implying that George Pullicino is corrupt to the umpteenth degree and is adopting the outrageous methods that were used in the past by the notorious Lorry Sant (fol 51 ibid).

Illi l-<u>konvenut</u> 'viva voce' (fol 73 u fol 74 ibid) qal illi fil-perjodu in kwistjoni, kien hemm il-kontroversja pubblika ghaddejja fuq l-iskema dwar estensjonijiet fiz-zona ta' zvilupp waqt l-istess program, hu kien qed jaghti l-kummenti tieghu dwar l-istess kontroversja. Inoltre fil-'media' in generali kien sar dan l-abbinament bejn l-attur u Lorry Sant u dwar din hu qal' Jiena personalment ma

qabbiltx lill-attur ma' Lorry Sant izda din kienet "cliché'" li kienet qed tidher fil-'media' … u anke f'demostrazzjonijiet'. Inoltre hu qal li 'Jiena hawnhekk, pubblikament jekk tajt l-impressjoni li kont qed nirreferi ghall-attur, qed nitlob pubblikament skuza u lest li naghmilha fil-pubbliku permezz ta' ittra' .. In kontro ezami hu sostna li ma kienx jaf li Lorry Sant (kien) instab hati minn xi tribunal kontra korruzzjoni ' u 'Jiena ma ridtx nqabbel lil George Pullicino ma Lorry Sant'.

Ikkunsidrat

Illi dawn huma l-provi in ezami u abazi taghhom l-konkluzjoni u decizjoni finali ser tintlahaq a bazi ta' dak li ser jinghad:-

a) Dwar l-identita in rigward l-attur jidher, evidenti illi l-konvenut kien qed jirreferi ghall-istess attur meta hu ppronunzja l-kliem kif citati waqt il-programm imsemmi fir-rikors promotur.

b) Dwar l-istess kliem li ntqalu mill-konvenut, hu minnu li l-attur hu figura pubblika involuta fil-politika. Konsegwentement hu, f'socjeta demokratika li ghandha bhala wiehed mis-sisien taghha l-liberta tal-espressoni u tal-opinjoni, hu ghandu jkun soggett ghall-iskrutinju tal-pubbliku in generali in konnessjoni ma' decizjonijiet ta' natura publika u jista jkun soggett ghal kritika anke harxa in rigward il-kondotta tieghu li tista' tinfluwixxi lilu bhala persuna fil-kamp pubbliku. Pero mill-lat l-iehor wiehed jrid jara ukoll li r-reputazjoni ta' persuna impenjata fil-kamp politiku ghandha tkun protetta fis-sens li dak li jinghad ma jkunx basat fuq gideb, falsitajiet u xnieghat inveritjeri u inferenzi qarrieqa.

c) Fil-kaz in desamina, jidher li bhala sfond tieghu, kien hemm il-kontroversja ghaddejja dwar l-estensjoni ta' zona ta' zvilupp kif ukoll zviluppi specifici u l-attur, filfatt kien l-awtorita' pubblika li kellha u ha hsieb illi l-istess estensjonjiet jghaddu minn kull stadju 'mod trasparenti sabiex jigu approvati, modifikati jew anke, possibilment mhux accettati wara li tkun saret konsultazzjoni pubblika. Dawn l-istess estensjonijiet kienu qajjmu kontroversja enormi li fiha kienu involuti l-attur kif ukoll fuq in-naha l-

ohra diversi organizzazzjonjiet non-governattivi u mezzi tax-xandir u komunikazzjoni. Din il-kontroversa u dibattiment 'in materia' hi accettata f'socjeta 'bhal taghna bazata kif inhi fuq id-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem kif di gja espost.

d) Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk dak li qal il-konvenut hux fondat fuq fatti u jekk dak li ntqal minnu ghandux jigi konsiderat bhala 'a fair comment' gustifikat kif hemm fuq premess.

e) Fl-istess perjodu, waqt li ghaddejja il-kontroversja msemmija, jidher li anke f'poster' waqt demostrazzjoni kienu nkitbu il-kliem 'vote George get Lorry' u l-konvenut kien qed jirrepeti dak li ntqal, pubblikament f'dan il-'poster', b'ton sarkastiku kontenenti 'innuendo'. Minn sema' dan il-kliem u hawnhekk qed issir referenza ghall-'ordinary man in the street' il-konvenut rega irrepeta l-allegazzjoni fl-istess 'poster' bhala – fi kliemu stess – 'cliché' u bhala konsegwenza u intenzjonalment abbina l-kondotta tal-attur ma' persuna maghrufa bhala wahda korrotta. Din l-allegazzjoni saret <u>minghajr xi bazi jew fundament ta' fatt</u>.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, a bazi ta' dak kollu premess f'dan il-kaz, fejn saret allegazzjoni fil-pubbliku illi l-attur hu allegatament korrott u kriminali fil-kondotta pubblika tieghu, ma jistax ma jigiex ritenut illi l-konvenut immalafama intenzjonalment lill-attur b'mod gravi u serju u ghalhekk qed jigu akkolti t-talbiet attrici tenut kont ukoll, tal-apologija li saret mill-konvenut.

In rigward il-'<u>quantum</u>' ta' danni ta' natura morali, tenut kont tal-gravita tal-allegazzjoni li saret il-Qorti 'arbitrio boni viri' qed tikkwantifika fis-somma ta' €5,000.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1) tiddikjara li kliem il-konvenut imxandra fuq Smash TV fl-14 ta' Jannar 2008 waqt il-programm 'Realta' Dok A huma malfamanti u libelluzi fil-konfront tal-attur u kellhom bhala skop li jtellfu jew jnaqqsu r-reputazzjoni tal-istess attur;

2) Tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ €5,000 u;
3) Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attur is-somma ta’ €5,000 kif ukoll l-imghax legali mid-data tallum stess sa’ dik tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes kollha ta’ dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------